MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2011

Appell Kriminali Numru. 405/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Simon Enriquez**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fis-26 ta’ April, 2010 u fil-granet ta’ qabel go Barlovento, Tower Street, San Lawrenz, Gozo u Blue Dolphin Islet, Promenade, Bugibba,
1. biegħ jew kellu fil-pussess tiegħu ikel (Malta Honey) li ma kienx tax-xorta, sustanza jew kwalita’ ta’ ikel kif mitlub mix-xerrej;
2. begh jew kellu fill-pussess tieghu ppakkjat minn qabel (Malta Honey) li kien iqarraq lix-xerrej dwar in-natura, l-propjetajiet u l-kompozizzjoni tieghu;
3. manifattura, kellu fil-pussess tiegħu jew biegħ għasel ippakkjat minn qabel (Malta Honey) kif imfisser fl-ewwel skeda tar-regolamenti ta’ l-2004 ta’ l-Ghasel, li ma

kienx jikkonforma mal-htigijiet kif imnizzlin fit-tieni skeda ta’ l-istess regolamenti bili l-livelli ta’ l-attivita’ ta’ diastase kien inqas minn dak permess, il-kontenut ta’ sakkrozju kien aktar minn dak permess, il-konduttivita’ tal-elettriku kien aktar minn dak permess kif ukoll billi l-livell ta’ HMF kien izjed minn dak permess.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-30 ta’ Settembru, 2010, li biha wara li rat l-artikolu 17(1) tal-Kap. 449 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 4.1 tal-Avviz Legali 483 tal-2004 u Reg. 3 tal-Avviz Legali 213 tal-2004, stante li ma kienx mahluf bil-gurament id-dokument tal-analizi redatti mill-Public Health Laboratory mmarkat bhala Dok. DM3, dan in-nuqqas kellu jimmilita’ favur l-appellat u ghaldaqstant il-Qorti lliberat lill-appellat Simon Enriquez mill-akkuzi kollha kif dedotti kontrih.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-24 ta’ Gunju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara li ma sarx apprezzament xieraq tal-provi u l-ligi, u tiddeciedi l-mertu tal-kawza mill-gdid u ssib lill-appellat hati tal-akkuza migjuba kontrih.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-ligi u tal-fatti esebiti.

Illi x-xhud Victor Chetcuti kkonferma permezz ta’ rcevuta illi dawn il-prodotti kienu ghall-bejgh u li fil-fatt kien xtara tal-prodott minghand l-appellat.

Illi x-xhud Dolerita Mifsud tat xhieda fl-istess seduta fejn esebit il-kampjun li fuqhom saru t-testijiet Dok. DM1. Illi l-kampjun qatt ma gie kkontestat.

Illi Reg. 6 ta’ l-A.L. 265/2002 tghid :
*“In any proceedings under the Act or under any regulations made thereunder, the production by one of the parties –*
*(a) of a document purporting to be a certificate given by a food analyst or examiner under regulation 5 of these regulations; or*
*(b) of a document supplied to him by the other party certified as being a true copy of such document*

*shall be sufficient evidence of the facts stated therein unless, in a case failing under regulation 5 of these regulations, the other party requires that the food analyst or food examiner that has issued the said certificate to give evidence in the proceedings”.*

Illi l-istess regolament jagħti l-possibilita’ lill-prosekuzzjoni li tippreżenta riżultat mingħajr ix-xhieda ta’ l-analista, sakemm dan ikun skond ir-regolament 5 ta’ l-A.L., kif kien il-kaz. Iktar minn hekk titfa l-oneru fuq id-difiza biex titlob għax-xhieda tal-*food analyst* jekk ikun hemm il-bzonn. F’din il-kawza d-difiza kellha kull cans biex taghmel dan imma għażlet li ma tagħmlux.

Illi ghalhekk huwa car skond ir-regolamenti u l-ligi li tapplika li a bazi tal-fatti skjacanti u x-xhieda l-appellat imputat kellu jinstab hati.

Rat il-verbal fejn id-difiża talbet referenza Kostituzzjonali ai termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

Rat li permezz tan-Nota tagħha tas-17 ta’ Marzu, 2011, id-difiża rrinunzjat għal tali talba.

Għaldaqstant il-Qorti mhix tieħu konjizzjoni tat-talba għar-referenza Kostituzzjonali u mhix ser tagħti digriet jew sentenza preliminari dwar din it-talba.

Rat it-tieni parti tan-Nota tad-difiża fejn issottomettiet li l-Prosekuzzjoni naqset li tipprova l-fatt li l-allegatment terz espert kienx food analyst jew examiner.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali tal-24 ta' Marzu, 2011 fejn issottometta li r-regolament 6 tal-Avviż Legali 265/2002 huwa regola li tidderoga minn dak kollu li hemm fil-Kap 9 jew fil-każistika Maltija dwar l-ammissibilita' ta' provi minn esperti.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

**Ikkonsidrat**

**Il-Provi**

Il-Qorti semgħet lil Dorita Mifsud li xehdet li kienet ħadet kampjun tal-għasel bl-isem Malta Honey li huwa ppakkjat bil-Gozo Specialities Leading Group Triq San Lawrenz Għawdex. Dan ħaditu minn blue Dolphin Islet Promenade Buġibba fis-26 t'April, 2010 fil-preżenza ta' Victor u Michael Chetcuti. Kien qed isir sampling programme u hi ħaditu l-Laboratorju fis-26 t'April. Fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati hija kienet ippreżentat id-dokumenti MM1 u MM2. Hija kienet ġabet l-evidenza li l-għasel inxtara minn għand Gozo Speciality. Tal-Blue Dolphin ta l-invoice (Dok DM 2 a fol 3) li kien juri li kien ta' Gozo Specialities.

A fol 7 jiriżulta li l-prodott mhux għasel għax il-karatteristiċi tal-prodott huma ta' caramel syrup u mhwuiex għasel. U fuq il-prodott qed jgħidlek li huwa għasel.

Fil-kontro-eżami hija wieġbet li huma kienu jibagħtu l-kampjun fl-Evans Laboratories.

Xehed ukoll Noel Portelli, senior environmental health officer, li jaħdem fid-dstrett ta' Għawdex. Huwa kkonferma li Simon Enriquez jammanifattura u jaħdem f'Għawdex.

Il-Qorti fliet ukoll id-dokumenti a fol 4, 5, 6, 7, 8 u 9 .

A fol 4 insibu dan li ġej:

'Honey submitted does not conform to L.N. 213 of 2004. Sample submitted conforms to Council Regulation 2377/90 as regards sulfonamides presence. Analysis was subcontracted to a DAR accredited Laboratory DGA –PL-6540.07.05'

A fol 7, jidher dan li ġej:

'Pollen and other typical components of honey cannot be found. The sensory description is characteristic for caramel syrup, not for honey. The physico-chemical characteristics do nto comply to (with!) Council Directive 2001/110/EC relating to honey. Regarding the microscopical, organoleptical and physico-chemical characteristics the sample contains honey not at all.'

This electronically generated test report has been checked and approved. It is also valid without signature.

Isfel fil-paġina hemm hekk Dipl.-Geol. Rebekka Arkudas

Il-paġni 5, 6 u 7 huma parti minn document wieħed maħruġ minn Eurofins.
Li skont l-Avukat Ġenerali l-imputat ma kellux jiġi liberat għar-raġuni mogħtija mill-Ewwel Qorti. Din kienet li ma kienx maħluf id-dokument tal-analiżi redatt mill-Public Health Laboratory.

**Liġi**

Id-difiża ssottomettiet li ma kienx biżżejjed li r-rapport ikun ippreżentat minn Miss Dolita Mifsud. Idd-ifża staqsiet 'Fejn hija l-prova li min għamel ir-rapport huwa espert?'

Hija rreferiet għal diversi każi fejn il-Qrati insistew li l-ebda prova ma hija meqjusa ammissibbli jekk ma tiġix ippreżentata mill-persuna li tkun għamlet tali ġbir ta' provi.

L-Avukat Ġenerali ippreżenta l-Avviż Legali 265 ts-sena 2002 li fir-regolament 6 tiegħu jipprovdi kif ġej:

'Fi proċedimenti taħt l-Att jew taħt regolamenti magħmulin taħtu, meta xi waħda mill-partijiet iġġib:

(a) xi dokument li jidher li jkun ċertifikat mogħti minn analista tal-ikel jew eżaminatur taħt ir-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti; jew

(b) xi dokument mogħti lilha mill-parti l-oħra li jkun validat bħala vera kopja ta' dak id-dokument,

Dan għandu jkun prova suffiċjenti tal-fatti hemm dikjarati kemm-il darba, f'xi każ li jinkwadra taħt ir-regolament 5 ta' dawn nir-regolamenti, il-parti l-oħra ma tkunx teħtieġ lill-analista tal-ikel jew tal-eżaminatur tal-ikel li jkun ħareġ dak iċ-ċertifikat jixhed fil-proċedimenti.'

Ikkonsidrat

Illi l-Avviż Legali 265 tas-sena 2002 maħruġ taħt l-Att Dwar is-Sigurta' fl-Ikel huwa liġi speċjali. Għalhekk, **bħala liġi speċjali jidderoga mil-liġi ġenerali fir-regolament numru 6 għaliex joħloq dettalji speċifiċi dwar iċ-ċertifikat li jinħareġ li jiddispensa minn xi ħatra ta' espert mill-Qorti. Id-dokument tal-analista għandu jkun prova suffiċjenti tal-fatti.**

**Biss ir-regolament jagħti ċ-ċans lid-difiża li titlob il-preżenza tal-analista tal-ikel.**

Għalhekk jekk id-difiża kellha xi dubju jew diffikulta', kulma riedet tagħmel huwa li titlob li jitħarrek l-analista jew eżaminatur sabiex jispjega l-kwalifiki tiegħu kif ukoll ir-

riżultat. Din il-parti tal-provvediment tiżgura l-'equality of arms' fil-proċeduri bla ma dawn jitqalu żżejjed bla ħtieġa.

Mill-proċess ma jirriżultax li d-difiża talbet għall-preżenza tal-analista fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u ma jistax isir issa għax la x-xhud ma ttellax jixhed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ma jistax jittella' issa.

Għalhekk il-Qorti mhix taċċetta s-sottomissjoni tad-difiża dwar l-inammissibilita' tal-prova taċ-ċertifikat.

Fil-mertu, fid-dawl tax-xhieda mogħtija u taċ-ċertifikati esibiti, qed tiddeċiedi li l-imputat huwa ħati tat-tliet imputazzjonijiet dedotti kontrih bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9 għat-tieni u għat-tielet imputazzjoni.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali u qed tirrevoka s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fit-30 ta' Settembru 2010 u minflok . wara li rat l-artikoli 17(h) tal-Kap 9, 17(1) u 43(3) tal-Kap 449, ir-regolament 4.1 tal-Avviż Legali 483 tas-sena 2004 u r-regolament 3 tal-Avviż Legali 213/2004 qed issib lill-imputat ħati tat-tliet imputazzjonijiet dedotti kontrih b'dan pero' li t-tieni u t-tielet imputazzjoni huma ssorbiti fl-ewwel imputazzjoni u qed tikkundannah iħallas multa ta' €470, li jħallas l-ispejjez inkorsi mill-Awtorita' tas-Saħħa matul dawn il-proċeduri fi żmien xahar minn meta joħroġ il-kont relattiv u qed tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti esibiti.

**Appendix – Lartikoli ċitati**

**Artikolu 17(1) tal-Kap 449**

**17.** (1) Ebda persuna ma għandha tbiegħ, bi preġudizzju għax-xerrej,
xi ikel maħsub għal konsum mill-bniedem li ma jkunx taxxorta,
sustanza jew kwalità ta' ikel mitlub mix-xerrej.

(2) Kull persuna li tikser id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu.
(3) F'kull proċedimenti għal-reat taħt dan l-artikolu, l-akkużat
ma jistax jiddefendi ru]u billi jiddikjara li x-xerrej ma ġiex preġudikat minħabba f'li kien xtara l-oġġett għal analiżi jew eżami.

**Artikolu 4.1 tal-Avviż Legali 483 tas-sena 2004**

**4.1** It-twaħħil ta' tikketti u metodi użati ma għandhomx

(a) Ikunu b'mod li jistgħu jqarrqu lix-xerrej fi grad materjali, partikolarment

(i) dwar il-karatteristiçi ta' l-oġġett ta' l-ikel u, b'mod partikolari, dwar in-natura, identità, proprjetajiet, kompożizzjoni, kwantità, durabilità, oriġini jew provenjenza,
metodu ta' manifattura jew produzzjoni tiegħu

(ii) billi jattribwixxu lill-oġġett ta' l-ikel effetti u proprjetajiet li m'għandux

(iii) billi jissuġġerixxu li l-oġġett ta' l-ikel għandu karatteristiçi speçjali meta fil-fatt kull xorta ta' oġġett ta' likel
simili għandu dawn il-karatteristiçi

(b) bla ħsara għal disposizzjonijiet oħra applikabbli għal ilma minerali naturali u oġġetti ta' l-ikel għal u]ijiet nutrittiv partikolari, jattribwixxu lil xi oġġett ta' l-ikel il-proprjetà li jipprevjeni, jittratta jew jikkura mard uman, jew jirreferu għal
proprjetajiet ta' din ix-xorta.
4.2 Il-projbizzjonijiet u restrizzjonijiet li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 4.1 għandhom japplikaw ukoll
(a) għall-preżentazzjoni ta' oġġetti ta' l-ikel, b'mod partikolari l-forma, id-dehra jew l-ippakkjar tagħhom, il-materjal

ta’ l-ippakkjar użat, il-mod kif huma rranġati u l-ambjent fejn huma
esposti
(b) għar-riklamar.

**L-artikolu 3 tal-Avviż Legali 213/2004**

**3.** Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-prodotti mfissra fl-Ewwel Skeda. Dawn il-prodotti għandhom jikkonformaw mal-
ħtiġijiet imniżżin fit-Tieni Skeda.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------